MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 759/2011

**Melita plc – C12715**

**vs**

**Abubakar AbdulMumi – ID-39342(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici l-ammont ta' sitt mitt Ewro u sitta u sittin centezmu (€600.66c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal servizz ta' "data" fil-fond "Heron Court, Fl03", Triq l-Esperanto, Msida, u dan skond l-istatement tal-kont numru 566045 liema dokument qed jigi mmarkat "Dok. B".

Illi minkejja li l-konvenut gie diversi drabi interpellat sabiex ihallas, dan baqa' inadempjenti.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mitt Ewro u sitta u sittin centezmu (€600.66c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------